MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 461/2003

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Norman D'Amato sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Norman D'Amato**

**Vs**

**Alfredo Debattista**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Frar 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas s-somma ta' Lm271.39 (mitejn u wiehed u sebghin Liri Maltin u disa` u tletin centezmu) rapprezentanti ta' danni ikkawzati f'incident awtomobilistiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Danni kkagunati f'incident awtomobilistiku tat-18 ta' Lulju 2000, f'San Giljan, bejn il-vettura bin-numru BBD 475 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru AAN 864 misjuqa minn Christelle D'Amato u propjeta` tal-attur Norman D'Amato, liema vettura kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mahruga mis-socjeta` attrici li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kawzati fil-vettura tal-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

L-ammont mitlub jinkludi mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) 'excess' imhallsa mill-attur Norman D'Amato, li kien assiikurat taht polza 'comprehensive' mas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz, kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Settembru, 2001, u bl-imghaxijiet pagabbli mit-3 ta' Settembru, 2001, kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta originali u dik ulterjuri fejn inghad:-
L-ammont mitlub hu kontestat stante illi l-ammont ta' hsarat ma kienux jeccedu Lm45 (hamsa u erbghin lira).

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Jirrizulta mix-xhieda prodotti li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-kap ta' responsabbilta, ghalkemm kienet giet prezentata eccezzjoni ulterjuri.

Dak li huwa gwidabbli huwa fil-waqt li l-erba` (4) xhieda prodotti mis-socjeta` attrici u t-tlett (3) xhieda prodotti mill-konvenut jaqblu perfettament mal-post u l-entita` tad-daqqa, dana ma hux rifless fir-riparazzjoni maghmula, spejjes inkorsi u fatturi u ricevuti esibiti.

Is-Survey (Fol. 14) jitkellem fuq wisq daqqiet minn semplici tatina fuq l-wheelarch ta' wara tax-xellug. Il-kont a Fol. 16 jitkellmu fuq tiswija fuq quddiem tal-vettura, kont a Fol. 18 jitkellem fuq spray fuq il-genb tal-lemin tal-vettura, kont a Fol. 20 jitkellem fuq spray ta' Bumper quddiem.

Anki l-pulizija indika fir-rapport tieghu xi 'scratches' on the left rear door and left rear hubcup. Il-kontijiet esibiti li jindikaw it-tiswijiet li suppost saru jirriflettu l-attwalita` tal-hsara sofferta mill-attur fil-vettura tieghu. Huwa interessanti li jirreferi ghax-xhieda ta' Ray Micallef prodott mill-konvenut li xehed fil-5 ta' Ottubru, 2004 li l-istess vettura fija kellha daqqiet ohra fuq quddiem u fuq wara. Tenut kont li min isofri danni ghandhu jimminimizza l-ispiza tar-riparazzjoni biex tittella tatina ta' hems (5) purzieri ma tinvolvix aktar minn Lm10 xoghol u Lm35 spray l-bieba kollha, b'kollox Lm45. Dana l-incident aliment huwa l-istess ammont li gie dikjarat mill-konvenut fir-risposta tieghu prezentata fit-28 ta' April 2003. Ex aequo et bono dana huwa l-ammont li ghandu jithallas.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jiddikjara lil konvenut unikament responsabbli tal-incident tilqa` l-eccezzjoni dwar il-quantum tad-danni u konsegwentement tilqa` t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm45 bl-interessi kif mitluba. Kull parti thallas l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------